MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 2305/1997/1

**Josephine Agius f'isimha proprju u f'isem il-minuri Shaun**

**vs**

**Charles Agius**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru mpossibbli, u dan ghar-ragunijiet diga' migjuba quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li b'digriet ta' 17 ta' Lulju 1997, awtorizzat li tinbeda s-separazzjoni personali ta' bejniethom;

Illi dawn ir-ragunijiet huma sevizzi, minacci, ingurji gravi u fuq kollox il-konvenut ghandu relazzjoni adultera ghaddejja u ilu hekk ghal aktar minn sena;

Illi minn dan iz-zwieg hemm tifel Shaun li ghadu taht l-eta';

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lilu, u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. Tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici u timponi wkoll il-modalitajiet tal-hlas tal-istess retta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja' ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut;

4. Tordna lill-konvenut jirritorna fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti dawk l-oggetti kollha dotali u parafernali tal-attrici jew inkella b'nomina okkorrendo ta' perit, l-ekwivalenti fi flus tal-istess oggetti;

5. Tikkommina kontra l-istess konvenut il-provvediment tal-artikoli 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili;

6. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Shaun f'idejn l-attrici; kif ukoll li tordna lill-istess konvenut ihallas retta alimentarja ghalih lill-attrici bil-modalitajiet tal-hlas tal-istess;

7. Tassenja d-dar konjugali lill-attrici taht dak it-titolu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghall-kaz;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni, inkluzi fl-ispejjez dawk tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat ir-rikors tal-konvenut Charles Agius datat 19 ta’ Frar 1999 fejn talab lill-Qorti sabiex tispurga l-kontumacja tal-esponent u tawtorizzah li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu f’dak it-terminu illi jigi stabbilit appozitament mill-istess Onorabbli Qorti.

Rat il-verbal tal-25 ta’ Frar 1999 fejn Dr. Joseph Brincat li assuma l-patrocinju tal-attrici b’referenza ghat-talba fir-rikors tal-konvenut iddikjara li ma joggezzjonax, u in vista t’hekk il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ ghoxrin gurnata biex l-istess konvenut jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-10 ta’ Marzu 1999 a fol. 18 fejn gie eccepit:-

1. Illi ma huwiex minnu li l-konvenut huwa responsabbli ghal sevizzi, minacci, ingurji gravi u ta’ relazzjoni adultera ma’ persuna ohra, kif qieghda tallega l-attrici;

2. Illi, il-konvenuta jaqbel *in parte* mal-attrici fuq l-ewwel premessa taghha, izda dana ma huwiex rizultat ta’ nuqqasijiet imputabbli lill-konvenut, imma dovut minhabba ragunijiet li ghalihom tahti unikament l-attrici;

3. Illi, ghalhekk ghajr dak li nghad hawn fuq, il-konvenut jirribatti l-premessi kollha ntavolati mill-attrici;

4. Illi, il-konvenut ghamel minn kollox sabiex jipprova jissana s-sitwazzjoni negattiva illi kienet zviluppat bejn il-partijiet u sahansitra ghamel diversi affarijiet sabiex jipprova lill-attrici li huwa ma riedx illi s-separazzjoni ssehh, izda dana kollu ghal xejn;

5. Illi l-konvenut wisq jissuspetta li l-attitudni mehuda mill-attrici, specjalment wara li huwa ghamel minn kollox sabiex isalva z-zwieg, huwa sintomatiku ghal sitwazzjoni fejn l-attrici ghandha relazzjoni ohra, liema relazzjoni, izda

l-konvenut ma huwiex a korrent tieghu, in vista tal-fatt li huwa ma pprovax jiskopri tali fatti llegalment;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 19 u 20 tal-process.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut Charles Agius a fol. 21 u 22 tal-process fejn ippremetta:-

Illi l-konvenut jixtieq jipprevalixxi mic-citazzjoni tal-attrici sabiex jipprezenta l-prezenti kontro-talba;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, minacci, insulti, eccessi, u ngurji gravi da parti tal-konvenuta;

Illi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Lulju 1997.

Illi l-istess konvenut talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u ghall-finijiet tal-Artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda.

2. Tawtorizza lill-attur illi jghix separata mill-konvenuta martu.

3. Tordna illi l-kura u kustodja tat-tifel minuri, Shaun tigi fdata lill-attur salv l-eccess tal-konvenuta fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti.

4. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur zewgha, ghalih u ghall-imsemmija tfal minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet ta' l-attur, pagabbli mill-konvenuta lill-istess attur zewgha fil-gimha

jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attur ikun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenuta.

5. Tapplika kontra l-konvenuta nterament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, *inter alia*, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-istess konvenuta billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur il-beni kollha dotali u parafernali tieghu u separatament tordna illi l-attur jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu.

8. Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attur.

9. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u lista ta’ xhieda tal-konvenut Charles Agius a fol. 23 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenzjonata Josephine Agius ghall-kontro-talba ta’ Charles Agius datata 29 ta’ Marzu 1999, fejn gie premess:-

1. Teccepixxi bir-rispett illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt hlief fejn kompatibbli mat-talbiet taghha fic-citazzjoni .

2. Illi hija tirrespingi bil-qawwa kollha l-addebiti ta’ adulterju, sevizzi, minacci, insulti, eccessi u ngurji gravi da parti taghha.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata Josephine Agius a fol. 26 u 27 tal-process.

Rat il-verbali tad-9 ta’ Gunju 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jisma’ l-provi; tal-4 ta’ Novembru 1999 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju *stante* li l-partijiet kellhom jitransigu; tas-7 ta’ Dicembru 1999; u tas-17 ta’ Frar 2000 fejn Dr. Francesco Depasquale ghall-konvenuti nforma lill-Qorti li tranzazzjoni ma sehhitx. Il-Qorti regghet innominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jisma’ l-provi kollha tal-kawza.

Rat in-nota tal-20 ta’ Settembru 2000 li biha pprezenta l-affidavit tieghu stess.

Rat il-verbal tal-25 t’Ottubru 2000; u tal-1 ta’ Frar 2001.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 23 ta’ Frar 2001, ir-risposta tal-attrici tad-9 ta’ Marzu 2001 u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-14 ta’ Marzu 2001.

Rat in-nota tal-attrici tat-13 ta’ Marzu 2001 fejn permezz taghha esebiet affidavit ta’ Charles Ferriggi, ghal liema l-konvenut pprezenta nota fil-21 ta’ Marzu 2001 biex jirriserva l-kontro-ezami tal-istess xhud.

Rat il-verbali tal-15 ta’ Mejju 2001; tal-10 t’Ottubru 2001; tal-11 ta’ Dicembru 2001; tad-9 t’April 2002; tat-28 ta’ Mejju 2002; u tal-5 ta’ Novembru 2002 fejn l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia nforma lill-Qorti li l-provi gew maghluqa. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ hamsin (50) gurnata lill-attrici biex tipprezenta nota t’osservazzjonijiet bil-visto/notifika lill-kontro-parti li jkollhom hamsin (50) gurnata biex jirrispondu, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t’April 2003

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju u x-xhieda minnu mizmuma.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat li ma gew pprezentati l-ebda noti t’osservazzjonijiet mill-partijiet *nonostante* li l-partijiet gew moghtija terminu sabiex dan issir minnhom kif jidher mill-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Novembru 2002.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza istitwita mill-attrici ghal separazzjoni minn zewgha, bit-talbiet soliti fl-istess natura ta’ kawzi, li f’dan il-kaz gew ukoll *in gran parte* replikati mill-konvenut abbazi tal-kontro-talba pprezentata minnu, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-konsiderazzjonijiet li japplikaw ghac-citazzjoni attrici ghandhom iwasslu wkoll ghad-decizjoni dwar l-kontro-talba tal-konvenut.

Illi jidher li l-partijiet f’din il-kawza hlew hafna mill-energija fil-provi taghhom dwar il-kwistjoni ta’ responsabbilta’ ta’ wiehed jew wahda sabiex waslu ghal din it-talba ta’ separazzjoni u l-aktar dwar l-allegata relazzjoni li l-konvenut kellu ma’ certu Alice Ferriggi.

Illi fil-fatt jekk wiehed ihares lejn l-affidavit ta’ l-attrici datat 2 ta’ Marzu 2000 (fol. 32) din tirrakkonta f’certu dettal ir-relazzjoni tal-istess konvenut ma’ din il-persuna mizzewga

Alice Ferriggi, li hija wkoll gara tal-istess kontendenti, inkluz inkontri, telefonati, u konfidenzi ohra, li certament kissru s-serenita' li fiha kienet relattivament tghix din il-familja.

Illi din l-attitudini tal-konvenut jidher li gie ppruvat li kompliet *nonostante* l-fatt li l-attrici wriet lill-konvenut u lill-istess Alice Ferriggi li kien taf biha, u ovvjament dan ma jirriflettix tajjeb xejn fuq l-attitudini tal-konvenut, aktar u aktar meta fid-dikjarazzjoni tieghu huwa jsostni li huwa lanqas biss ried l-partijiet jisseparaw.

Illi dan qed jinghad ghaliex minflok l-istess konvenut ghazel sabiex dak li seta' kien hemm ma' din it-terza persuna jinqata', jidher li huwa aktar ried l-involviment taghha f'hajtu, u dan mhux biss ghalih, izda wkoll ghall-familjari tieghu stess tant li kien insista li mal-attrici, *nonostante* dawn is-suspetti li hija kellha fuqu, li jilqghu stedina ta' din l-istess persuna, u din l-okkazjoni hija rakkontata adirittura fl-affidavit ta' bint l-istess kontendenti Tereza Agius datat 14 ta' Mejju 1998.

Illi min-naha tal-konvenut dan jidher li ghamel allegazzjonijiet tal-istess natura fil-konfront ta' martu u dan huwa rifless fl-affidavit tieghu tat-18 ta' Settembru 2000, ghalkemm jinghad mill-ewwel li l-allegazzjonijiet tal-konvenut fil-konfront ta' martu dwar adulterju, huma ghal kollox bla bazi, u fil-fatt dak kontenut fl-istess affidavit lanqas biss jaqbel ma' dak li qal huwa stess fid-dikjarazzjoni tieghu annessa mal-eccezzjonijiet u kontro-talba tieghu fejn wkoll jirreferi ghar-relazzjoni ta' martu ma persuna ohra li huwa ma jafx, pero' fl-affidavit tieghu jindika car ma' min martu hass li kellha xi forma ta' kuntatt.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-allegazzjonijiet tal-konvenut fil-konfront tal-attrici huma kompletament bla bazi u adirittura vessatorji, u bl-ebda mod ma huma sostanzjati, la b'xhieda u lanqas b'dokumenti, tant li hemm nieqsa mill-istess allegazzjonijiet minnu vantati kull element ta' prova, anke cirkostanzjali, tant li din il-Qorti thoss li tali allegazzjonijiet, inkluz dawk kontenuti fid-dikjarazzjonijiet

tan-nota tal-eccezzjonijiet u kontro-talba huma ntizi biss sabiex b'xi mod jinnewtralizzaw l-allegazzjonijiet attrici li saru fil-konfront tieghu, tant li hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li din l-istrategija li l-istess konvenut uza f'din il-kawza, li certament ma hijiex il-mod kif jipprovaha jittenta jirrikoncilja ma' martu, haga li sostna li huwa xtaq b'certu persistenza w intensita'.

Illi ghar-rigward tal-allegazzjoni li saru mill-attrici fil-konfront tal-konvenut dwar ir-relazzjoni li kellu ma' din it-terza persuna, jidher li l-konvenut sostna li huwa kellu hbiberija biss ma' din il-persuna, fejn qal ukoll li kien ikellimha anke fuq il-problema ta' bejnu u bejn martu, u sostna wkoll li kienu jifhmu lil xulxin (fol. 72) ghalkemm jghid li relazzjonijiet intimi maghha qatt ma kellu.

Illi minkejja dan fl-istess affidavit tieghu jghid hekk:-

*"Huwa veru li jiena kont niltaqa' ma' din il-mara ghal xi zmien, izda qatt ma kelli xi relazzjoni ntimi maghha, kif qieghda tghid il-mara. Il-mara tieghi, kull darba kienet titlobni sabiex niskuza ruhi ta' dak li kont naghmlilha, u dana dejjem ghamiltu. Fl-ahhar, meta l-mara tieghi qaltli biex ma nkellimx lil dik il-mara aktar hekk ghamilt, izda xorta wahda baqghet taghmilli affarijiet hziena".*
Illi minn dan il-bran jidher li l-istess konvenut talab skuza lil martu fuq dak li qal li ghamlilha, u dan kien qed jinghad fil-kuntest tal-affidavit tieghu fejn kien qed jirrispondi ghall-allegazzjonijiet ta' martu dwar ir-relazzjoni tieghu ma' din it-terza persuna, u fl-opinjoni tal-Qorti, ladarba l-konvenut qed isostni li huwa ma kellux relazzjoni ntima ma' din it-terza persuna huwa stramb u misteru ta' xhiex talab skuza lil martu.

Illi l-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawza u x-xhieda kollha prodotta, inkluza dik tal-partijiet, u wkoll rat kopji tad-djarji tal-komnvenut, li jinsabu esebiti minn fol. 52 sa fol. 66 tal-process, thoss li l-attrici ppruvat fil-grad necessarju fil-ligi li l-istess konvenut kellhu relazzjoni ma' din it-terza persuna li kienet tmur *oltre* minn hbiberija, u kienet tikkonsisti wkoll f'relazzjoni ntima mal-istess persuna, li kienet limitata biss mill-fatt li l-konvenut u l-

istess persuna kienu zewg persuni mizzewgin u jghixu fid-dar taghhom mal-konjugi taghhom.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti tinnota li ghalkemm l-konvenut ipprova jirribatti certu allegazzjonijiet tal-attrici u l-provi minnha prodotti, inkluz dik tar-ritratti esebiti mill-attrici (ara xhieda tal-konvenut datata 7 ta’ Novembru u 4 ta’ Dicembru 2002 quddiem l-Assistent Gudizzjarju), dwar in-notamenti fid-djarju tieghu li jinsabu esebiti l-istess konvenut ma qal assolutament xejn, u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dan huwa wkoll relevanti fl-apprezzament ta’ provi quddiema. Huwa ta’ rilevenza wkoll l-affidavit ulterjuri tal-konvenut datat 6 ta’ Dicembru 2001, fejn hemm dikjarazzjonijiet sinfikanti tal-konvenut dwar ir-relazzjoni tieghu mal-istess terza persuna, u t-tentattiv tieghu sabiex jaqta’ din ir-relazzjoni sabiex skond huwa jsalva z-zwieg tieghu.

Illi taht dan l-aspett din il-Qorti tirreferi wkoll ghall-affidavit ta’ Charles Friggieri datat 9 ta’ Frar 2001, minn fejn ir-ragel ta’ Alice Friggieri jikkonferma li kienu isiru diversi telefonati bejn l-istess konvenut u l-istess martu dwar ir-relazzjoni ntima li kien hemm bejniethom, u fejn l-istess xhud qed jallega li t-tarbija li kellha martu ma kienitx tieghu ghaliex ghamel *tests* xjentifici dwar l-istess, u li anke li minhabba din ir-relazzjoni ta’ martu mal-konvenut huwa kien ghaddej proceduri ta’ separazzjoni.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici fil-konfront tal-konvenut dwar r-responsabbilta’ ta’ min ta aditu ghal din il-procedura ta’ separazzjoni jirrizultaw ilkoll pruvati fl-intier taghhom, b’dan li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghall-istess premessi ndikati fic-citazzjoni attrici u fil-fatt jirrizulta li kien il-komportament tal-konvenut li wassal ghal din il-firda, u senjatament ir-relazzjoni tieghu ma’ din l-istess terza persuna, u allura abbazi tal-istess l-ewwel talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu qed tigi michuda, *stante* li min-naha l-ohra l-attrici ma kienitx tahti ghal din il-firda hawn pronunzjata ghar-ragunijiet esklussivament imputabbli lill-konvenut.

Illi dwar l-introjtu tal-konvenut dan jidher li kellu fis-sena 2001 kellu salarju mal-Maltacom ta' Lm5,515 *gross*, Lm659 *overtime*, *bonus* ta' Lm162, li minnhom triq titnaqqas taxxa ta' Lm421, u kontribuzzjoni tas-sigurta' nazzjonali ta' Lm459.36, u allura abbazi tax-xhieda ta' Carmel Attard, *Assistant Principal mal-Maltacom p.l.c.* jidher li l-istess konvenut kellu dhul nett ta' Lm5,456. Ma' dawn iriedu jizdiedu wkoll l-ammont ta' Lm171.90 bhala pagament ta' diversi *allowances* u allura l-ammont ta' ntrojtu nett jitla' ghall Lm5,627.90. li jfisser introjtu mensili ta' Lm468.99, ovvjament kalkolat kollox inkluz l-*overtime.*

Illi f'dan ir-rigward jinghad ukoll li l-konvenut sostna li huwa jhallas l-ispejjez tal-kont tat-telefon (Dok. "A" – fol. 139 sa fol. 149); kontijiet ta' dawl u ilma (Dok. "B" – fol. 150 sa fol. 155); spejjez ta' *cable television* (Dok. "C" fol. 156 sa fol 178); dejn mal-Lohombus Corporation li sat-30 ta' Settembru 2001 kien jammonta ghall-Lm2,109.71 (Dok. "D" – fol. 180-181); u spejjez ohra nkluzi licenzja tat-*television*, *insurance policy* tal-istess dar, u licenzji, *insurance premium* u *VRT tests* ta' zewg vetturi; u dan apparti spejjez ohra li jinqalghu minn zmien ghal zmien indikati taht it-titolu spejjez ohra fil-prospett esebit bhala Dok. "CA 3" a fol. 138 tal-process – Dok. "J", "K", "L", "M", "N", "O" "P" u "Q" -.

Illi jidher ukoll li l-konvenut ghandu kont kurrenti Numru 163 –1430801 – li f'Marzu 2001 kellu bilanc ta' Lm51.64 (Dok. "E"); u kont *savings* Numru 146 –0454402 – 6 wkoll mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "F) li f'Dicembru 2000 kellu bilanc ta' Lm40.37 u l-konjugi ghandhom karozza Seat Toledo Reg. No. DAR – 929 (*insured value* Lm3,000) u Ford Escort Reg. No. HAJ – 331 (fol. 198 – 206), apparti dan l-istess konvenut jghid li kellu nvestiti 557 *shares* tal-Maltacom plc kull *share* tal-valur ta' Lm1.30; 500 *share* tal-Globe ta' 20c-il wiehed u 360 *share* fl-IHI ta' Lm1-il wiehed u dan skond xhieda tieghu tal-20 ta' Mejju 2002.

Illi fl-isfond ta' dan kollu u dak fuq deciz jidher car li l-konvenut ghandu l-obbligu ta' manteniment ta' martu w ibnu Shaun, li skond id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti

Civili kien ta’ Lm120 ghall-mara u Lm40 fix-xahar ghall-minuri, b’kollox Lm160 fix-xahar, u in vista’ tal-fatt li l-ahhar introjtu ndikat fl-atti processwali tal-konvenut kien ta’ Lm5,627.90. li jfisser introjtu mensili ta’ Lm468.99, ovvjament kalkolat kollox inkluz l-*overtime,* relattiv ghas-sena 2001, u peress li din is-sentenza qed tinghata fis-sena 2003, din il-Qorti sejra timxi fuq dan l-istess introjtu, u ghalhekk tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta’ Lm160 fix-xahar, u ghall minuri s-somma ta’ Lm60 fix-xahar, b’kollox is-somma ta’ Lm220 fix-xahar li ghandhom jinqatghu direttament mill-paga tal-konvenut mal-Maltcom p.l.c. u jintbaghtu direttament lill-attrici fir-residenza attwali taghha.

Illi minhabba dak premess, l-konvenut iddekada mid-dritt ta’ manteniment kontra martu u dan l-applikazzjoni tal-**artikolu 48 tal-Kap 16.**
Illi wkoll in vista ta’ din is-separazzjoni l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi dikjarata xolta b’effett mid-data tal-istess sentenza u din tikkonsisti fid-dar konjugali Malcan, Monsinjur G. Depiro Street, Rabat, u l-kontenut tal-istess, u l-ishma fuq indikati ta’ 557 *shares* tal-Maltacom plc kull *share* tal-valur ta’ Lm1.30; 500 *share* tal-Globe ta’ 20c-il wiehed u 360 *share* fl-IHI ta’ Lm1-il wiehed u dan skond xhieda tieghu tal-20 ta’ Mejju 2002, u dan apparti zewg karozzi wahda SEAT u l-ohra Ford Escort, apparti xi depoziti bankarji fuq elenkati ta’ entita’ zghira, u dejn fuq l-istess dar konjugali mal-Lohombus Corporation li sat-30 ta’ Settembru 2001 kien jammonta ghall-Lm2,109.71.

Illi peress li jidher li d-dar konjugali hija parti mill-komunjoni tal-akkwisti u jidher ukoll li din saret principalment bl-introjtu tal-konvenut fuq indikat, u peress li ma hemm l-ebda prova mill-partijiet li din hija komodament divizibbli, il-Qorti tordna li l-istess proprjeta’ mmobbli ghandha tinbiegh in subasta, b’dan li mir-rikavat l-ewwel jithallas id-dejn gravanti l-istess li jkun ghadu veljanti sa dak iz-zmien, b’mod li sa dik id-data tal-bejgh l-istess konvenut ghandu jibqa’ jhallas r-rati mensili fuq l-istess self, u mir-rikavat, huwa jigi kkumpensat tal-pagamenti kollha li jkun ghamel l-istess konvenut mid-

data tas-sentenza sad-data ta’ liberazzjoni tal-istess immobbli, u r-rikavat mill-istess bejgh in subasta, (wara li jitnaqqas tali dejn fuq id-dar mal-Bank, inkluz il-pagamenti li jaghmel il-konvenut mid-data tas-sentenza) jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet, b’dan li kull parti tiehu nofs l-ammont tal-istess rikavat.
Illi dwar il-mobbli li biha hija adebiti l-istess dar, l-partijiet ma gabu ebda provi, u ghalhekk din il-Qorti hija limitata sabiex tiddividi l-istess, pero’ fic-cirkostanzi tordna li l-istess jigu assenjati skond il-valur taghhom, nofs bin-nofs, b’dan li kull parti tiehu bhala sehemha l-mobbli li fil-valur taghhom jammontaw ghan-nofs il-valur *circa* tal-mobbli kollha li biha hija fornita l-istess dar fid-data ta’ din is-sentenza, u dan skond stima li ghandha tigi redatta minn Peter Bonello, li qed jigi nominat ghal dan l-iskop minn din il-Qorti a spejjez bin-nofs bejn iz-zewg partijiet, fejn ghandu jelenka l-istess mobbli u l-valur attwali taghhom fid-data tas-sentenza u japporzjona l-istess skond il-valur taghhom, porzjoni lill-attrici u porzjoni lill-konvenut, b’mod li kull porzjoni ghandha jkollha l-valur ta’ nofs il-valur totali tal-istess mobbli li biha hija attwalment hija fornita l-istess dar konjugali, u dan skond rapport li ghandu jigi esebit mill-istess perit hawn nominat mhux aktar tard minn sittin (60) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza, u dan permezz ta’ nota mahlufa fir-registru.

Illi apparti dan din il-Qorti tassenja l-karozza SEAT lill-attrici, u l-karozza Ford Escort lill-konvenut, u l-ishma tal-Maltcom lill-attrici u l-ishma tal-Globe u l-IHI lill-konvenut, u lill-istess konvenut tassenjalu wkoll d-depoziti bankarji li hemm f’ishmu llum, u konsistenti f’dawk indikati fix-xhieda tieghu.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti ma hijiex qed taccetta li l-allegat dejn li l-istess konvenut qed jghid li ghamel ma certu Joseph Micallef ghandu jithallas ukoll mill-attrici u dan *stante* li jidher li l-istess dejn sar fil-mori tal-kawza u minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ martu, b’dan li tali dejn ghandu jithallas unikament u esklussivament mill-konvenut.

Illi l-kura u l-kustodja tal-istess minuri ghandha tibqa' f'idejn l-attrici u l-konvenut ghandu jkollu dritt ta' access kull nhar ta' Erbgha u Gimgha mill-4.00.p.m. sat-8.00.p.m. u kull nhar ta' Sibt u Hadd, b'mod alternat mill-10.00.a.m. sas-2.00.p.m., l-istess minuri jittiehed u jingieb lura mill-access mal-konvenut mir-residenza tal-attrici.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u fil-waqt li **tichad ir-raba talba attrici** minhabba nuqqas ta' provi, u **tichad is-seba' (7) talba attrici** *stante* li hija legalment u fattwalment infondata fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, l-hames, u s-sitt talbiet attrici,** biss kif hawn deciz b'dan illi:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lill-konvenut, u dan minhabba li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' sevizzi, minacci, ingurji gravi w adulterjuru kommess mill-istess konvenut;

2. Tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici fl-ammont ta' s-somma ta' mija u sittin lira Maltija (Lm160) fix-xahar li ghandhom jithallsu mill-istess konvenut u liema ammont mensili ghandu jithallsu kull xahar bil-quddiem, b'effett mid-data ta' din is-sentenza u jinqatghu direttament mill-paga tal-konvenut mal-Maltcom p.l.c. u jintbaghtu direttament lill-attrici fir-residenza attwali taghha u ghal dan il-ghan tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess Maltacom p.l.c. sabiex din il-parti tas-sentenza tigi hekk effettivament esegwita

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja' ezistenti bejn il-partijiet b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

Tillikwida l-istess u tiddikjara li din tikkonsisti fid-dar konjugali Malcan, Monsinjur G. Depiro Street, Rabat, u l-kontenut tal-istess, u l-ishma fuq indikati ta' 557 *shares* tal-Maltacom plc kull *share* tal-valur ta' Lm1.30; 500 *share* tal-Globe ta' 20c il-wiehed u 360 *share* fl-IHI ta' Lm1-il wiehed u dan skond xhieda tieghu tal-20 ta' Mejju

2002, u dan apparti zewg karozzi wahda SEAT u l-ohra Ford Escort, apparti xi depoziti bankarji fuq elenkati ta' entita' zghira, u dejn fuq l-istess dar konjugali mal-Lohombus Corporation li sat-30 ta' Settembru 2001 kien jammonta ghall-Lm2,109.71.

Illi dwar id-divizzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti din il-Qorti tordna li l-istess proprjeta' mmobbli, Malcan, Monsinjur G. Depiro Street, Rabat, ghandha tinbiegh in subasta, b'dan li mir-rikavat l-ewwel jithallas id-dejn gravanti l-istess li jkun ghadhu veljanti sa' dak iz-zmien mal-Lohombus Corporation jew l-HSBC Bank (Malta) p.l.c., b'mod li sa dik id-data tal-bejgh l-istess konvenut ghandu jibqa' jhallas r-rati mensili fuq l-istess self, u mir-rikavat, huwa jigi kkumpensat tal-pagamenti kollha li jkun ghamel l-istess konvenut mid-data tas-sentenza sad-data ta' liberazzjoni tal-istess immobbli, u r-rikavat mill-istess bejgh in subasta, (wara li jitnaqqas tali dejn fuq id-dar mal-Bank, inkluz il-pagamenti li jaghmel il-konvenut mid-data tas-sentenza) ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan li kull parti tiehu nofs l-ammont tal-istess rikavat.

Illi dwar il-mobbli li biha hija adebiti l-istess dar, l-partijiet ma gabu ebda provi, u ghalhekk din il-Qorti hija limitata sabiex tiddividi l-istess, pero' fic-cirkostanzi tordna li l-istess jigu assenjati skond il-valur taghhom, nofs bin-nofs, b'dan li kull parti tiehu bhala sehemha l-mobbli li fil-valur taghhom jammontaw ghan-nofs il-valur *circa* tal-mobbli kollha li biha hija fornita l-istess dar fid-data ta' din is-sentenza, u dan skond stima li ghandha tigi redatta minn Peter Bonello, li qed jigi nominat ghal dan l-iskop minn din il-Qorti bhala espert tekniku tali nomina a spejjez bin-nofs bejn iz-zewg partijiet, fejn l-istess perit tekniku ghandu jelenka l-istess mobbli u l-valur attwali taghhom fid-data tas-sentenza u japporzjona l-istess skond il-valur taghhom, porzjoni lill-attrici u porzjoni lill-konvenut, b'mod li kull porzjoni ghandha tipprezenta l-valur ta' nofs il-valur totali tal-istess mobbli li biha hija attwalment fornita l-istess dar konjugali, u dan skond rapport li ghandu jigi esebit mill-istess perit hawn nominat mhux aktar tard minn sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, u dan permezz ta' nota mahlufa fir-registru.

Illi apparti dan din il-Qorti tassenja l-karozza SEAT lill-attrici, u l-karozza Ford Escort lill-konvenut, u l-ishma tal-Maltcom lill-attrici u l-ishma tal-Globe u l-IHI lill-konvenut, u lill-istess konvenut tassenjalu wkoll d-depoziti bankarji li hemm f'ishmu llum, u konsistenti f'dawk indikati fix-xhieda tieghu.

Illi l-allegat dejn li l-istess konvenut qed jghid li ghamel ma certu Joseph Micallef l-istess ghandu jithallas unikament u esklussivament mill-konvenut.

4. Tichad din it-talba fejn giet mitluba sabiex tordna lill-konvenut jirritorna fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti dawk l-oggetti kollha dotali u parafernali tal-attrici jew inkella b'nomina okkorrendo ta' perit, l-ekwivalenti fi flus tal-istess oggetti, u dan peress li l-attrici ma gabet ebda provi dwar l-istess.

5. Tikkommina kontra l-istess konvenut il-provvediment tal-**artikoli 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili**;

6. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Shaun f'idejn l-attrici bi dritt ta' access lill-konvenut ghall-istess minuri dritt ta' access kull nhar ta' Erbgha u Gimgha mill-4.00.p.m. sat-8.00.p.m. u kull nhar ta' Sibt u Hadd, b'mod alternat mill-10.00.a.m. sas-2.00.p.m., b'dan li l-istess minuri jittiehed u jingieb lura mill-access mal-konvenut mir-residenza tal-attrici u wkoll tordna lill-istess konvenut ihallas retta alimentarja ghalih lill-attrici fl-ammont ta' sittin lira Maltija (Lm60) fix-xahar, li wkoll ghandhom jinqatghu direttament mill-paga tal-konvenut mal-Maltcom p.l.c. u jintbghatu direttament lill-attrici fir-residenza attwali taghha u ghal dan il-ghan tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici lill-istess Maltacom p.l.c. sabiex din il-parti tas-sentenza tigi hekk effettivament esegwita

7. Tichad din it-talba sabiex tassenja d-dar konjugali lill-attrici taht dak it-titolu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghall-kaz, *stante* li tali talba ma ghandha ebda fundament legali.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra l-istess konvenut, inkluzi fl-ispejjez dawk tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, b'dan pero' li l-ispejjez tal-perit tekniku Peter Bonello hawn nominat ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan ukoll li kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lilu a spejjez attrici, u wkoll li n-notifiki fuq indikati lis-socjeta' Maltacom p.l.c. ghandhom jkunu a karigu u spejjez attrici.

Illi ghar-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenut**, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenzjonata, **tichad l-ewwel talba attrici** peress li din il-firda sehhet ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut**, tichad it-tielet (3) talba** *stante* li l-kura u kustodja tal-minuri qed tigi fdata f'idejn l-attrici**, tichad ir-raba' (4) talba tal-konvenut** *stante* dak fuq premess**, tichad il-hames (5) talba tal-konvenut** *stante* li hija bla bazi legali**, tichad is-seba' (7) talba** *stante* li l-konvenut ma ressaq ebda provi dwar l-istess**, tichad it-tmien (8) talba, u tilqa' biss is-sitt u disa' talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu biss kif hawn deciz b'dan illi:-**

1. Tichad din it-talba sabiex tddikjara u tippronunzja personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u ghall-finijiet tal-**artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap 16)** tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, u dan peress li r-raguni tal-firda giet stabbilita skond l-ewwel talba tac-citazzjoni attrici ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

2. Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-attur illi jghix separata mill-konvenuta martu u *vice versa*.

3. Tichad din it-talba stante li l-kura u kustodja tat-tifel minuri, Shaun tigi fdata lill-attrici bi dritt ta' access favur il-konvenut kif indikat fis-sitt (6) talba tac-citazzjoni attrici.

4. Tichad din it-talba *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, anzi huwa l-konvenut li ghandu l-obbligu li jmantni lill-

attrici kif provdut f'din is-sentenza skond it-tieni talba tac-citazzjoni attrici.

**5.** Tichad din it-talba *stante* li ma huwiex il-kaz li jigu applikati kontra l-konvenuta d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16),** *stante* li kien il-konvenut li kien hati ghall-firda ta' bejniethom.

6. Tilqa' din it-talba u dan biss fis-sens li tikkonferma dak minnha deciz f'din is-sentenza skond it-tielet (3) talba tac-citazzjoni attrici.

7. Tichad din it-talba *stante* li l-konvenut ma ressaq l-ebda provi dwar l-istess.

8. Tichad din it-talba stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt u abbazi tal-provi hija kompletament vessatorja.

9. Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-konvenut u lill-attrici li jirregistraw ossija jnizzlu fir-Registru Pubbliku din s-sentenza moghtija minn dina l-Qorti kollox skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------